# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 11/2022

14 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

## 11.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti u tal-laqgħa li kienet saret b'urġenza. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.1.1 Is-Sindku qal li xtaq ippreċiza punt ref 10.3.9 (ilmenti re kennies). Huwa spjega li l-ilmenti kienu diversi li minnhom kien hemm li kienu dirett minħabba l-kennies, pero' kien hemm diversi lmenti oħrajn li l-kennies m'ghandux tort u jistghu jigu solvuti biss permezz ta' infurzar. Il-Kunsill iddiskuta l-problemi ta' skart u ħmieġ li hawn madwar ir-raħal.

11.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward 10.3.13. Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema tal-kunsill kienu żebgħuha u li fil-fehma tiegħu kienet ġiet tajba.

**11.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update fuq il-proġett tal-Enemalta. Huwa spega li t-tieni parti tal-proġett kienet ser titlesta dalwaqt u diġa' kienu bdew jagħtu l-konkos. Is-Sindku spjega ukoll kif kienu ser isiru x-xogħolijiet quddiem il-kappella ta' Santa Marija.

Is-Sindku qal li hekk kif jispiċċaw ix-xogħol minn naħa tal-Enemalta, il-Perit ta' Infrastructure Malta kienet ser tagħti update kif kien ser isir ix-xogħol minħabba l-culverts u qal li minħabba li daqt kienet ser tibda l-iskola idealment jibdew minn Triq l-Iskola l-isfel.

11.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva ittra li fil-prinċipju t-Traffic Management proposal li ressaq il-Kunsill kien ġie aċċettat minn Transport Malta. Huwa spjega li issa l-pass li jmiss kien li jiġu mmarkati t-toroq kollha bit-tabelli u sinjali. Is-Sindku spjega li huwa diġa' kien talab stima ta' dan ix-xogħol lill-Perit. Is-Sindku ppreżenta l-istima lill-Kunsill u talab lill-Kunsillier Mark Cocker jiddiskuti l-istess stima sabiex ma jsirx studju bla bżonn u nidentifikaw x'kienu jridu eżatt Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel. Is-Sindku qal ukoll li, ġaladarba kellna konferma li TM aċċettat il-proposta tal-Kunsill, kellna naħsbu sabiex norganizzaw laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika mar-residenti.

Il-Kunsillier Mark Cocker qal li l-Perit Anton Zammit kien tah il-parir li jekk it-transport pubbliku kien ser jibqa' jgħaddi mill-pjazza l-pavimentar ikollu jinbidel sabiex isir aktar b'saħħtu u jkun jiflaħ għat-traffiku.

Il-Kunsillier Pupull Abdilla staqsa kif kien ser jibqa' l-pjancier. Is-Sindku qal li wara li l-perit kien ġie fuq il-post jara l-pjanċier armat, qalilna li kien hemm wisgħa biżżejjed sabiex tikber il-bankina imma xorta jibqa' spazju biżżejjed u l-pjanċier ma jiġix affettwat.

11.2.3 Is-Sindku għarraf li l-Kunsill kien ser jibbenefika s-somma ta' €73,318.12 taħt Measure 4 6-9 tal-Gal Xlokk u li l-Kunsill kien applika sabiex isir ir-restawr minn naħa ta' ġewwa tal-ħajt tal-Ġnien Sir Alexander Ball.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa 17.44

11.2.4 Is-Sindku qal li kien attenda għal laqgħa li talbu għaliha l-Medavia fejn ġie diskuss il-possibilita' li jkun hemm koperazzjoni bejnhom u l-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa kien semma' li kienet ser issir il-Clean up fit-18 ta' Settembru 2022 li għaliha kienu ser jingħaqdu magħna. Huwa qal li 'l quddiem kienu ser jagħmlu *outreach* mal-iskola ukoll sabiex jippromovu il-karriera tal-avjazzjoni fit-tfal minn ċkunithom.

## 11.3 Tweġibiet għall-Kunsilliera

**11.3.1** Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus irraporta bozza maqtugha fi Triq Dun Karm Lia.

11.3.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus spjega li kien hemm xi siġar tal-Ħlantun li kienu ħarġu 'l barra ħafna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu lill-Kuntrattur tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien preżenti għal laqgħa 17.47

11.3.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li fi Triq San Tumas 'l fuq mill-isqaq fejn ir-razzett kien hemm bżonn mera sabiex innaqqsu l-periklu għal min ikun ħiereġ mill-isqaq. Il-Kunsill qabel li ssir mera f'dan il-lok.

11.3.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li Triq Ħlantun hemm bżonn li l-Kunsill jerġa' jwaħħal l-sleeping policeman li kienu nqalgħu għaliex kulħadd tiela' u nieżel b'veloċita' qawwija. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiċċekja x'kien hemm il-garaxx pero' il-Kunsill ma setax jagħmel in-naħa li tagħmel maż-Żurrieq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nressqu t-talba lill-Kunsill taż-Żurrieq.

11.3.5 Il-Viċi Sindku qal li fi Triq il-Ħajt Ruman kienu qed jipparkjaw ħafna karozzi kummerċjali bil-konsegwenza li r-residenti ma jsibux parkeġġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu komunikazzjoni lil *Transport Malta* jekk jistgħux jipparkjaw il-karozzi kummerċjali f'din iż-żona u jekk fl-affirmattiv nistgħux inżidu *r-residents parking* fl-istess triq.

11.3.6 Il-Viċi Sindku fakkar li kien wasal iż-żmien sabiex isir it-tindif tal-culverts li għandna mar-raħal għaliex kien beda riesaq żmien il-maltemp. Il-Kunsill qabel.

11.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 25 ta' Settembru 2022 kien ser ikun hawn il-blood donation bank unit fil-pjazza tar-raħal.

11.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li xtaqet tfakkar fiż-żbir tas-siġar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser nikru cherry picker u jsir iż-żbir kollu li jkun hemm bżonn mill-kuntrattur.

11.3.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġerixxiet li ssir ħarġa għal Birgu by Candle Light nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiġi organizzat it-transport għal din il-ħarġa.

11.3.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret li s-sinjali fis-Service Road ta' Triq il-Kuċċard kellhom bżonn jiġu rifreskati.

11.3.11 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kien hemm il-ħsieb li jiġu organizzati Cardio Sessions u Zumba Sessions. Il-Kunsill qabel li għandna nsibu ġranet u ħinijiet sabiex ma jaħbtux ma' attivitajiet oħra f'dawn il-ġranet.

11.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li xtaq jistaqsi liema mill-proposti li ressaqna lil Transport Malta kienu jaqblu magħhom il-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kien hemm qbil fuq l-ewwel proposti li dawn ma ġewx aċċettati minn Transport Malta u issa l-Kunsill kien qabel fuq żewġ proposti oħra li l-Kunsill kien ressaq lil Transport Malta.

11.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hawn problema li n-nies li jitimgħu l-qtates jekk ma jnaddfux warajhom kienet qed tinħoloq il-problema tal-hornets. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-iskart kollu kien qed iżid din il-problema u għalhekk għandu jiżdied aktar infurzar sabiex kulħadd joħroġ l-iskart fil-ġurnata skont l-iskeda tal-ġbir.

11.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li bħal dan iż-żmien sena (fi żmien il-festa tar-raħal) kien ser ikollna l-istess problema minħabba ż-żbir tas-siġar li kien hemm mal-ġenb tal-każin. Il-Kunsillier ssuġerixxa li meta jkun iż-żmien addattat sabiex isir iż-żbir dan isir f'forma ta' *rectangle* b'mod professjonali.

11.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien reġa' wasal iż-żmien biex jissaqqa Ġnien t'Amparell. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-kuntrattur kif ukoll is-supplier tal-ilma u kkonferma li dik il-ġimgħa kienu ser jagħmlu t-tisqija taż-żebbuġ fi Ġnien t'Amparell.

11.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jirranġa ix-*shelters* li jinsabu fil-pjazza minħabba li din issemmiet fil-fuljett ta' Awwissu 2022. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan għandu jkun proġett għalih.

11.3.17 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla rraporta fanal fil-pjazza li għandu l-bozza maqtugħa.

11.3.18 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-pompa ta’ Ġnien Sir Alexander Ball kinitx qed taħdem. Is-Sindku kkonferma li l-pompa kienet intbagħtet barra minn Malta għat-tiswija.

11.13.19 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 24 ta’ Settembru 2022 fil-librerija kienet ser tiġi ċċelebrata l-*World Comic Book Day*. Huwa spjega li kull ma kellha bżonn għal din l-attivita’ kienu White Board u Markers. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma’ din l-inizjattiva.

11.13.20 Is-Sindku qal li l-BOV kienu ser jagħtu kotba ġodda bħala donazzjoni għal librerija. Huwa qal li l-preżentazzjoni tal-kotba kienet ser issir nhar il-Ħamis 22 ta’ Settembru, 2022.

11.13.21 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-1 ta’ Ottubru kienet ser timmarka Jum Dinji tal-Anzjani u li nhar il-Ġimgħa 30 ta’ Settembru, 2022 kienet ser issir laqgħa l-parlament fuq dan ir-rigward li kien ser jattendi għaliha.

**11.4 Rapport finanzjarju**

**Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Report 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tieni *Quarterly Financial Statements* Q2 (April- Ġunju 2022) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

**Approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter 2021**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi kienet qegħda tippreżenta r-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Management Letter sabiex tintbagħat lin-*National Audit Office*.

**11.5 Approvazzjoni Kuntratt Restawr Niċeċ**

Is-Sindku qal illi għal kuntratt tar-Restawr tan-Niċeċ kienu intefgħu żewġ offerti mill-istess kuntrattur, iżda waħda minnhom ma kinitx konklussiva u għalhekk mhix compliant. Is-Sindku qal li għalhekk kien hemm offerta waħda li kienet *compliant* u fuq rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla kien qed jissuġerixxi illi l-unika offerta li intefgħet jingħata l-kuntratt. Il-Kunsill qabel.

**11.6 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

**11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

11.8 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-19.36. il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 20 ta’ Ottubru, 2022 fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |